

Brussell, 10 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14954/19

ELARG 68
COWEB 146

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	14631/19 ELARG 63 COWEB 145 COM(2019) 261 final
Suġġett:	Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Ħerzegovina għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fl-10 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
DWAR
L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-BOŻNIJA-
HERZEGOVINA
GĦAS-SĦUBIJA FL-UNJONI EWROPEA**

1. Il-Kunsill jilqa' l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill jirrikonoxxi li bħalissa l-Bożnija-Herzegovina ma tissodisfax biżżejjed il-kriterji politiċi ta' Copenhagen, u jeħtieġ li tiddedika sforzi konsiderevoli biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet tagħha sabiex tiggarantixxi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi, il-Bożnija-Herzegovina kisbet ċertu livell ta' stabbiltà makroekonomika, filwaqt li għadha fi stadju bikri li tistabbilixxi ekonomija tas-suq li tiffunzjona u li ssir kompetittiva fis-suq komuni. Ir-rekord tal-Bożnija-Herzegovina fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jeħtieġ li jitjieb. Il-Bożnija-Herzegovina b'mod ġenerali hija fi stadju bikri rigward il-livell tal-istat ta' thejjiya tagħha biex terfa' l-obbligi tas-sħubija fl-UE u jeħtieġ li tintensifika b'mod sinifikanti l-proċess ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE u timplimenta u tinforza l-leġislazzjoni relatata.
2. Jeħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina tagħmel sforzi sostnuti, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-erbatax-il prijorità ewlenija stipulati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni. Jeħtieġ li dawn il-prijoritajiet ewlenin, li jiffukaw fuq l-oqsma tad-demokrazija u l-funzjonalità tal-istat, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, jiġu rispettati.
3. Il-Kunsill jinnota li l-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni ser jiġi kkunsidrat l-aħħar mill-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-prassi stabbilita, fi żmien meta l-Kummissjoni tkun ivvalutat li l-Bożnija-Herzegovina tkun kisbet il-grad meħtieġ ta' konformità mal-kriterji għas-sħubija u tkun issodisfat b'mod partikolari l-prijoritajiet kruċjali stipulati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka r-rapporti annwali tagħha dwar il-Bożnija-Herzegovina, ibda minn dak fl-2020, fuq l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

4. Il-Kunsill jilqa' n-nomina tal-President tal-Kunsill tal-Ministri tal-Bożnija-Herzegovina, u jħeġġeġ lill-korpi eżekuttivi u leġislattivi fil-livelli kollha tal-gvern biex jibdew jindirizzaw il-prijoritajiet ewlenin identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni, f'konformità mal-aspirazzjonijiet leġittimi taċ-ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina biex jimxu 'l quddiem lejn l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani.
-